**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 452/2023 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marshall Mallia**

**Spettur Tonjoe Farrugia)**

**kontra**

**Mohaned Ali Ahmed Massarati**

**Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah**

**Illum 26 ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Mohaned Ali Ahmed Massarati ta' 31 sena, bin Mahdi u Fatima imwieled Tripoli, Libja, nhar il-15 t'Awwissu 1992 mingħajr residenza fissa ġewwa

Malta, u detentur ta' dokument tal-azil f'Malta numru 23923/18 u passaport Olandiż bin-numru RSKL1J837

U

Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah ta' 27 sena bin Mustafa u Mufida imwieled Tripoli, Libya nhar is-17 ta' Mejju 1996 mingħajr residenza fissa ġewwa Malta u detentur ta' Police number 24619.

Akkużati talli nhar it-12 ta' Ġunju 2023 u/jew fil-jiem u ġimgħat ta' qabel f'dawn il-gżejjer:

1. Fi proċeduri ċivili jew kriminali, ittentajtu li tikkorrompu xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xiehda falza, jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz, jeħel liema tentattiv sehh permezz ta' theddid, biża' jew bit-tweghid, offerta jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovuti sabiex tinġiegħel li tingħata xiehda falza, u dan bi ksur tal-artikolu 102 (b)(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Talli saru reċidivi b'diversi sentenzi mgħotija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-uffiċċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputati fis-seduta datata 14 ta' Ġunju 2023.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè', kunsens tal-Avukat Ġenerali, vera kopja tal-passaport ta' Mohamed Ali Ahmed Massarati, dettalji ta' Mohamed Ali Ahmed Massarati, fedina penali ta' Mohannad Misrati, personal details ta' Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah, fedina penali ta' Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah, dokumenti TF1 sa TF16,

Semgħet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, u cioe' lil Spettur Tonjoe Farrugia, ABC, Spettur Alfredu Mangion, l-ispettur Marshall Mallia, Spettur Tonjoe Farrugia, Marica Mifsud, Fathi Brebesh, Sarah Ezabi, Feras Toboli, Spettur Lara Butters,

Semgħet il-provi.

## Ikkunsidrat

Illi l-imputati huma akkużati bir-reat ta' tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud biċ-ċirkostanzi aggravanti kif ukoll li rrendew ruhhom reċidivi. Illi din il-Qorti l-

ewwel sejra tikkunsidra l-akkużi li joħorġu taht l-artikoli 102(b)(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll li huma reċidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Korruzzjoni ta' xhud taht l-artikolu 102 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

Illi għar-rigward tar-reat ta' korruzzjoni ta' xhud, l-imputati huma akkużati dak li hemm fl-artikolu 102 (b) u (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jgħid li:

> ***102.*** *Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, jikkorrompi xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xiehda falza, jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *(a) jekk ix-xiehda jew il-perizja falza jew it-tifsir falz ikunu ġew mogħtija, il-piena li għaliha hija suġġetta persuna li tagħti xiehda falza;*
>
> *(b) meta jkun hemm biss attentat ta' korruzzjoni ta' xhud, perit jew interpretu, l-istess piena mnaqqsa grad jew żewġ gradi;*
>
> *(ċ) meta l-korruzzjoni tkun saret bl-użu ta' forza, theddid, biża' jew bit-twegħid, offerta jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovut sabiex tinġiegħel li tingħata xiehda falza, il-piena msemmija fil-paragrafu (a) miżjuda bi grad wieħed jew tnejn*

Illi f'dan il-każ ix-xhud ABC, minn dak li qal l-ispettur Tonjoe Farrugia, li waqt li kien se jixhed f'kawża oħra kontra imputat ieħor, ġie dikjarat bħala xhud ostili. Illi meta kien barra l-awla, dan l-istess xhud qallu li kien ġie avviċinat mill-imputati sabiex jgħid li l-vettura hija tiegħu u li kien ħallasha hu fix-xhieda tiegħu. Min-naħa ta' ABC kien qallhom li ma setax jagħmel dan għaliex kien diġà semma li l-vettura ma kienitx tiegħu iżda però kien minnu li hija reġistrata fuq ismu u anki kien hemm diversi multi fuq l-istess vettura. Illi fil-fatt kompla jgħid dan ABC, li kien anki iltaqa' magħhom fejn kienu tkellmu fuq il-kwistjoni ta' din il-vettura. Illi l-istess ABC, xehed f'dawn il-proċeduri fejn ikkonferma li kien kellmu Mohammed, fejn kien ċempillu li ried ikellmu. Kien iltaqa' miegħu ġewwa l-Valletta Waterfront fejn kien qallu sabiex jgħid li l-vettura kienet tiegħu iżda ma setax jagħmel dan għaliex kien diġà qal li ma kienitx tiegħu. Kien minnu li l-vettura kienet reġistrata fuq ismu iżda ma kienx hu li xtraha. Illi mix-xhieda tiegħu kien dejjem dan Mohammed kellmu waqt li Hwejda qatt ma kellmu xejn fuq il-vettura. Fl-istess xhieda tiegħu qal li huwa xtaq protezzjoni għalih u għall-familja għax kien qiegħed jibża' minnhom iżda dejjem qallhom li ma setax jgħid dak li rieduh jgħid fuq il-vettura. Meta huwa semma li ried protezzjoni għax ma xtaqx ikollu problemi

magħhom. Huwa ikkonferma li wara din il-laqgħa li kellu magħhom qatt ma kien hemm kuntatti oħrajn. Huwa kkonferma li qatt ma ħassu li huwa mhedded minnhom.

## Ikkunsidrat

Illi l-unika xhud li seta jispjega l-fatti x'gara dakinhar kien l-istess ABC. Huwa fatt importanti li fl-istess xhieda tiegħu qatt ma semma li kien hemm xi theddid fil-konfront tiegħu, jew xi wegħdi oħra għal dak li jikkontempla fl-istess artikolu 102 (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi huwa semma biss li kellu bżonn il-protezzjoni iżda ma qalx jekk kienx hemm xi diskors li jista' jwassal għal dak li hemm fl-istess artikolu 102 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-unika diskors li ntqal lilu kien sabiex jgħid li l-vettura kienet tiegħu u xtraha hu iżda huwa ma ridtx li jixhed b'dan il-mod għaliex kien diġà semma li l-vettura ma kienitx tiegħu iżda reġistrata fuqu. Huwa qal li ma setax jgħid li kienet il-kumpanija tiegħu li xtrat din il-vettura minħabba l-fatt li kien ikollu ħafna komplikazzjonijiet minħabba kif ġab il-flus sabiex jixtri din il-vettura.

Illi huwa stat ta' fatt li ma hux kontestat, li l-imputati ltaqgħu ma' ABC, fejn id-diskors kien li huwa jgħid fix-xhieda tiegħu li l-vettura kienet tiegħu u kien xtraha hu. Illi l-istess ABC aġixxa mill-ewwel billi qal li ma setax jagħmel dan għax kien qal li l-vettura ma kienitx tiegħu. Illi min-naħa tad-difiża, qiegħda tikkontendi li kif inhi magħmula l-akkuża kontra l-imputati ma tistax treġġi għall-fatt li biex ikun hemm it-tentattiv ta' dan ir-reat u dan skont l-akkuża, irid ukoll ikun hemm il-wegħda ta' xi haga, theddid jew biża. Illi għalhekk ladarba din l-akkuża hija waħda u marbuta ma' dawn l-elementi ta' biża', wegħdi u theddid allura jekk ma jkunx hemm prova tagħhom ma jista' qatt jinstabu ħatja. Illi jkomplu jżidu li ladarba din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-Qorti hija marbuta mal-akkuża kif inħarġet u mhux bħal każ ieħor li tkun marbuta ma' l-artikoli li jkun ħareġ l-avukat ġenerali.

Illi l-Artikolu 102 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem fuq tlett aspetti ta' dan ir-reat u cioè' dak li hemm fl-Artikolu 102 (a) – meta x-xhieda tkun ġiet mgħotija, fil-102 (b) - meta jkun hemm biss attentat ta' korruzzjoni ta' xhud, waqt li fl-artikolu 102 (c) –meta l-korruzzjoni tkun saret bl-użu ta' forza, theddid, biża' jew bit-twegħid, offerta jew għoti ta' xi vantaġġ. Illi għalhekk dan l-artikolu jagħmel referenza għal tlett ċirkostanzi li jistgħu isehhu u cioè meta fil-fatt ix-xhieda tkun mgħotija, l-attentat ta' korruzzjoni u meta jkun hemm korruzzjoni fejn jintuza theddid, wegħdiet jew biża'.

Illi minn dan l-artikolu ma hemm xejn li jindika li l-attentat ta' korruzzjoni irid ikun hemm l-użu tal-istess elementi msemmija fl-artikolu 102 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-fatt hemm distinzjoni fejn jeżisti l-

attentat u meta l-fatt jiġi kommess u dan jindika biċ-ċar anki mill-istess piena li tingħata. Li kieku l-leġislatur ried li l-attentat jkollu l-istess piena għal meta l-korruzzjoni tintuza xi forma ta' biża jew xi wegħda, allura dan kien jidher fil-liġi. Waqt li l-attentat għandu l-inqas piena mgħotija mill-fatt li jiġri għal dak li hemm fl-Artikolu 102 (a).

Illi jiġi nnutat li Artikolu 102 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat darbtejn. Dawn iż-żewġ emendi kienu s-segwenti:

1. b'att Numru III tal-2002 il-kliem "b'theddid, rigali jew wegħdiet" ġew imħassra minn Artikolu 102(b) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. b'att Numru XXXI tal-2007 ġie miżjud Artikolu 102(ċ) fil-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirreferi għal korruzzjoni li tkun saret bl-użu ta' forza, theddid, biża' jew bit-twegħid, offerta jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovut sabiex tinġiegħel li tingħata xiehda falza.

Illi kif inhu magħmul dan l-artikolu 102 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jnissel fih ċirkostanzi aggravanti ta' dan ir-reat. Illi r-raġunament tad-difiża li dan ir-reat ma jista' qatt jissusti minħabba l-fatt li fit-tentattiv tal-korruzzjoni ladarba ma kienx hemm, wegħdi, theddid jew biża u dan minħabba l-fatt kif inhi magħmula l-akkuża. Illi l-Qorti tara li l-artikolu 102(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma ċirkostanzi aggravanti meta jkun hemm sitwazzjoni ta' tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud. Illi jekk f'dan il-każ ma kienx hemm il-prova ta' użu ta' theddid, wegħdi ta' rigali jew biża, allura ma jfissirx li ma kienx hemm it-tentattiv. Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni lil hinn minn kull dubju raġonevoli. B'danakollu l-Qorti hija tal-fehma li f'każ ta' sejbien ta' ħtija għandhom jinstabu ħatja ta' din l-imputazzjoni iżda mhux bl-aggravanti ai termini tal-artikolu 102(ċ) tal-kodiċi Kriminali peress li ma nġabitx prova suffiċjenti li l-imputati eżerċitaw xi tip ta' forza theddid, biża, jew bit twegħid, offerti jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovut lil ABC.

Illi f'dan il-każ, ladarba din il-Qorti tista' ssib ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni, trid tara min fost l-imputati aġixxa b'dan il-mod u cioè' li avvicina lix-xhud sabiex jixhed kif inghata l-istruzzjonijiet. Illi minn dak li qal l-istess ABC qal li kien wieħed biss mill-imputati li kellmu kif għandu jixhed fil-każ. Fil-fatt fil-bidu tax-xhieda tiegħu jikkonferma li kien ċempillu Mohammed sabiex jiltaqgħu. Illi fatt importanti huwa li kkonferma li Hwejda qatt ma kellmu iżda dejjem kien Mohammed li kellmu.

Illi fuq din il-parti tax-xhieda tal-istess ABC, il-Qorti tara li tara hemm ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni fejn jidħol l-imputat Mohaned Ali Ahmed Massarati iżda mhux fil-konfront tal-imputat Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah.

## L-imputazzjoni tar-reċidiva

Illi l-imputati ġew mixlija wkoll li huma reċidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi kif ingħad hawn fuq fil-konfront tal-imputat Mahmoud Mustafa Mohammed Aldaba, il-Qorti ma sabitx ħtija fl-ewwel imputazzjoni.

Illi jibqa' li jiġi deċiż jekk f'dan il-każ it-tieni imputazzjoni dwar Mohaned Ali Ahmed Massarati għandux jinstab ħati li irrenda ruħhu reċidiv.

Illi l-prosekuzzjoni eżbit diversi sentenzi fosthom dik li ġġib id-data tat-30 t'Awwissu 2018. Illi jidher mill-isem li hemm fuq l-istess sentenza ma jaqbilx ma dak li hemm fl-akkuża maħruġa għal każ odjern. Illi l-isem fuq is-sentenza eżbita jidher li huwa Mohannad Misrati waqt li l-isem użat f'dawn il-proċeduri huwa ta' Mohaned Massarati. Illi jidher ukoll li d-data tat-twelid hija simili kif ukoll in-numru tad-dokument tal-ażil u cioè 23923/18. Illi kopja tal-passaport ta' l-istess imputat jidher l-isem użat f'dawn il-proċeduri li huwa għal kollox differenti minn dak li hemm fid-dokumenti tal-ażil. Illi f'dawn il-proċeduri telgħet tixhed Marica Mifsud fejn ikkonfermat li l-imputat Mohanned Ali Ahmed Mosrati jidher ukoll bħala Mohannad Misrati. Hija esebiet lista dok MM A1 sa MM A3. Illi wkoll telgħet tixhed Sara Ezabi fejn ikkonfermat li l-imputat Mohamed Massarati kien applika għal protezzjoni fit-13 t'Awwissu 2018 fejn kellu numru tar-refcom 23923. Illi għalhekk bla dubju ta' xejn li l-imputat odjern Mohaned Massarati huwa l-istess persuna li isimha jidher li hemm fis-sentenza eżbita tat-30 t'Awwissu 2018 (ara dok TF15). Illi din il-Qorti hija konvinta li din is-sentenza eżbita hija tal-istess imputat u għalhekk issib ħtija li rrenda ruħhu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Decide

**Għaldaqstant wara li din il-Qorti rat l-artikoli 49, 50 u 102 (b) (ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull ħatija u piena, iżda issib lil Mohaned Ali Ahmed Massarati ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni limitatament għal dak li jistipola l-Artikolu 102(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mhux bic-cirkostanzi aggravanti kif imnissla ai termini ta' l-Artikolu 102 (ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ssibu ħati li rrenda ruħhu reċidiv skond it-tieni (2) imputazzjoni ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal erbgħa u għoxrin xahar priġunerija li bl-effetti ta' l-Artikolu 28A tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erba' snin mil-lum.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi, l-portata tas-sentenza mogħtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Reġistratur**